# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.8

## Kap 1: Il-pjaċir ta' flimkien

## Lezzjoni 1.8: Taqta' qalbek qatt!

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu bl-importanza tal-kuraġġ u t-tagħlim fil-ħajja tagħhom.
2. Jiddiskutu l-effett li jħalli x-sharing u l-onestà fil-grupp.
3. Jitgħallmu kif jistgħu jħaddnu dawn il-kwalitajiet.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- IWB
- 2 Powerpoints
- Video clips tas-Samaritan it-Tajjeb u d-diska ta' Friends

http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI

http://www.youtube.com/watch?v=O35sBA_vkHc

- Karta ta' taħriġ 1.8



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Agħmel riferenza għall-powerpoint tal-lezzjoni ta' qabel (is-slides fejn jidhru ħafna jdejn u ħafna nies flimkien).
- Staqsi lill-istudenti biex josservaw l-differenzi ta' bejniethom.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Staqsi :
    a. Fejn bdiet il-Knisja ta' Ġesu`? (Fil-Palestina)
    b. Min kien se jmur iwassal it-tagħlim ta' Ġesu` f'pajjiżi oħrajn?
    c. Min kien dak l-Appostlu li ħadem ħafna għal Ġesu`?
2. Spjega li bħall-Appostli u San Pawl illum nsibu bosta nies li għandhom il-kwalitajiet tal-Appostli – il-kuraġġ u dik li jgħallmu u jwasslu t-tagħlim sabiħ ta' Ġesu` lill-oħrajn.
3. Spjega li f'din il-lezzjoni se niltaqgħu ma' tifel li jismu Nathan. (Ibda t-2 powerpoint). Imxi mal-powerpoint biċċa biċċa.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.8 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jaqraw u jiddiskutu Attivita` 1. Stieden lit-tfal biex kulħadd jagħti sehmu.
5. Aqra u Spjega l-istorja Attivita 2 u fuq bażi ta' klassi ħalli t-tfal ddiskuti l-mistoqsijiet marbuta mal-istorja.
6. Uri l-vidjow tal-Parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb biex toħroġ kemm hu importanti li ngħinu u naċċettaw lil xulxin, anke lil dawk li f'għajnejna jidhru differenti minna.

7. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar il-missjunarji.

8. Agħlaq din il-lezzjoni tagħlaq bid-diska ta' Friends.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesu` jridna nkunu missjunarji fil-ħajja tagħna ta' kuljum.
2. Aħna għandna nirrispettaw lil kulħadd.
3. Ngħinu lil dawk in-nies li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jaħdmu flimkien biex ikollhom qalbhom tajba u n-nies ta' madwarhom iħossuhom aħjar għax hem min jgħinhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI (Samaritan it-Tajjeb)

http://www.youtube.com/watch?v=O35sBA_vkHc (Friends Song)



## Nitolbu



Sinjur Ġesù, għinni biex inkun qalbi tajba
u nkun kapaċi nħoss għall-bżonnijiet tal-oħrajn.

Għinni biex ngħin lil ta' madwari ngħinhom mill-aħjar li nista'.